MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 1254/2002

**Joe D’Amico u Gaetano D’Amico**

**-vs-**

**David D’Amico; Cyntia Agius; Isabella Galea; Gemma Vella u Carmelina Spina u b’digriet tad-19 ta’ Novembru 2002 Sylvana D’Amico ġiet nominata kuratriċi biex tirrappreżenta lill-assenti Carmelina Spina.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-6 ta’ Novembru 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fit-tmienja (8) ta’ Frar elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) u fit-tmienja (8) ta’ Ġunju elfejn u tnejn (2002) mietu rispettivament Maria Gemma u Ugo konjuġi D’Amico.

U illi bl-aħħar testment *unica carta* revokatorju datat erbatax (14) ta' April tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) fl-atti tan-Nutar Dott. Joseph Henry Saydon, hawn anness (Dok. A) kienu ġew nominati eredi universali, il-kontendenti kollha, salv żewġ dispożizzjonijiet. Fit-tieni artikolu, il-konvenuti, Gemma Maria mart Peter Vella, Carmelina mart Salvatore Spina u Maria Isabella mart Joseph Galea u Giacinta mart Philip Agius, kienu ingħataw b'titolu ta' legat, id-dar li qiegħda San Pawl il-Baħar, Triq Prades, numru sitta u tmenin (86) u ġġib l-isem 'Gemma', fi kwoti ugwali bejniethom, l-għamara u l-effetti kollha eżistenti ġo dan il-fond, u l-kontijiet bankarji esteri. Fit-tielet artikolu, il-konvenut David D'Amico, kien ingħata b'titolu ta' legat, id-dar, sitt mija u sittax (616), iġġib l-isem 'Casa D'Amico', fi Triq il-Kbira San Gużepp il-Ħamrun, l-għamara u effetti mobbli eżistenti ġo dan il-fond.

U illi l-konvenuti kienu rċevew bosta donazzjonijiet *inter vivos* mingħand il-ġenituri tagħhom, fosthom avvjament ta' negozju.

U illi l-atturi għandhom dritt ta' leġittima fuq is-sustanzi kollha ereditarji tal-ġenituri, kompriż il-legati, donazzjonijiet *inter vivos*, u beni u sustanzi oħra mħollija, jew mogħtija mid-*decuji*.

U illi l-konvenuti kollha aċċettaw, sia taċitament, sia espressament l-eredita' tal-ġenituri tagħhom;

U illi l-atturi aħwa D'Amico b'żewg noti nnumerati 1894/02 u 1895/02 (Dok. B) u (Dok. C) rispettivament, ippreżentati fis-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili, irrinunzjaw formalment għall-wirt tal-ġenituri tagħhom, pero' rriservaw *inter alia* l-leġittima *portio*, lilhom spettanti skond il-liġi;

U illi l-atturi għandhom interess illi ssir il-likwidazzjoni u qasma tal-wirt tal-ġenituri tagħhom sabiex jieħdu dak spettanti lilhom bil-liġi;

Jgħidu għalhekk, il-konvenuti, jew min minnhom għaliex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, dina l-Qorti m'għandhiex:

1. Tistabbilixxi u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ġja' eżistenti bejn l-imsemmija Ugo u Maria Gemma konjuġi D'Amico, billi tiġi dikjarata konsistenti fil-beni u sustanzi illi jirriżultaw tul il-kawża u okkorrendo il-ħatra ta' periti nominandi;

2. Taqsam il-komunjoni hekk formata u likwidata f'żewġ porzjonijiet, l-waħda minnhom tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Ugo D'Amico, u l-oħra illi assi partikolari ta' Maria Gemma D'Amico;

3. Tifforma u tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmmi Ugo D'Amico billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-ko-akkwisti u f'dawk il-beni u sustanzi kollha li jirriżultaw tul il-kors tal-kawża.

4. Tifforma u tillikwida l-assi partikolari tal-imsemmija Gemma D'Amico billi jiġi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-ko-akkwisti u f'dawk il-beni u sustanzi kollha li jirriżultaw tul il-kors tal-kawża.

5. Tillikwida favur kull wieħed mill-atturi l-leġittima li jmisshom skond il-liġi, mill-eredita' tal-ġenituri tagħhom billi jiġu kompriżi fl-istess assijiet, il-pre-legati, imħollija u dak kollu li jidħol fil-formazzjoni tal-imsemmija eredita' skond il-liġi billi jiġu dikjarati l-konvenuti jew min minnhom bħala l-uniċi eredi peress illi l-atturi rrinunzjaw għall-kwota ereditarja b'riserva għall-leġittima;

6. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jħallsu lill-atturi dak kollu li jmisshom bħala leġittimarji *in space* jew b'mod ieħor billi jiġi ordnat il-bejgħ taħt l-awtorita' tal-Qorti, tal-beni formanti parti mill-ereditajiet fuq imsemmija, biex f'każ illi ma jistax isir mod ieħor, jiġi sodisfatt il-leġittima tagħhom, mir-rikavat ta' l-istess bejgħ.

Bl-ispejjeż tal-ġudizzju kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ppreżentata fit-22 ta’ Jannar 2003, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi fir-rigward tat-talba attriċi għall-leġittima ta’ Maria Gemma D’Amico t-talba hija preskritta bil-preskrizzjoni tal-għaxar snin indikata fl-Art. 845 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Illi skond l-istess testment preżentat mill-atturi jirriżulta li l-ħames artikolu jeżenta lill-eredi mill-obbligu tal-kollazzjoni ta’ dak kollu li huma rċevew mingħand it-testaturi taħt kull titolu nkluża d-dota; b’hekk it-tielet premess attriċi m’għandha ebda eżitu;

3. Illi David D’Amico xtara l-avvjament tan-negozju msemmi fit-tielet premessa attriċi u b’hekk tali avvjament mhux inkluż fl-eredita’ u dan kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni. Dan il-fatt ukoll jissemma marġinalment fit-tielet Artikolu tat-testment taħt l-ittra “c”. Ser jirriżulta li David D’Amico fil-fatt ħallas lill-ġenituri tiegħu dak kollu li kellu jħallas għax-xiri tal-imsemmi avvjament;

4. Illi l-leġittima titqies fuq dak li tħallas fl-eredita’ u skond dak kollu li jingħad fit-testment; b’hekk riferenza ssir għall-artikolu ħamsa tat-testment. *Inoltre* fil-qies tal-leġittima m’għandhomx jitqiesu l-legati. Mill-assi ereditarji għandhom ukoll jitnaqqsu l-ispejjeż tal-funeral u dak dovut lil Sylvana D’Amico bħala serviġi;

5. Illi l-konvenuti aċċettaw l-eredita’ espressament kif indikaw l-atturi fil-ħames premessa anke bil-pussess tagħhom tal-istess eredita’ – kemm tal-omm kif wkoll tal-missier;

6. Illi fl-eredita’ ta’ Ugo u Maria Gemma D’Amico hemm id-dar 618, St. Joseph Għigħ Street, Ħamrun. Mill-istess testment jirriżulta li David D’Amico u martu bnew sular ieħor fl-istess dar a spejjeż esklussiv tagħhom – it-testment isemmi dan il-fatt anke għaliex mill-assi tal-eredita’ jrid jiġi mnaqqas il-valur minn fuq fil-bini. B’hekk

meta tiġi meqjusa l-leġittima ta' Ugo D'Amico għandhom jiġu mnaqqsa dawn l-ispejjeż – David D'Amico għandu prova ta' dawn l-ispejjeż;

7. Illi l-eredita' ta' Ugo D' Amico wkoll trid tonqos bl-ammont erbat elef Lira (Lm4,000) dovuta lil Sylvana D'Amico għal serviġi u spejjeż li hi għamlet lid-*decujus* u dan kif jirriżulta minn skrittura bejn l-eredi u l-istess Sylvana D'Amico.

8. Illi kontra dak indikat fiċ-ċitazzjoni Maria Gemma D'Amico mietet fit-8 ta' Frar, 1988 u mhux 1986.

9. Illi kif jirriżulta minn korrispondenza l-konvenuti għamlu minn kollox biex isolvu din il-qasma b'mod bonarju. B'hekk l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2003 li permezz tagħha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti;

Rat ir-rapport tal-espert tekniku l-kompjant A.I.C. Frederick Doublet;

Rat l-atti proċesswali kompriż il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju u l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju 2000 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża fejn l-atturi qed jitolbu li jiġu assenjati l-leġittima spettanti lilhom mill-wirt tal-konjugi D'Amico. Dawn fit-testment tagħhom ħallew lil uliedhom kollha bħala werrieta iżda l-atturi rrinunzjaw għall-wirt tagħhom (filwaqt li żammew ferm it-talba tagħhom għal- leġittima). Tħallew ukoll żewġ legati kif imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

Kif ġia' ingħad l-ewwel eċċezzjoni u ċioe' dik tal-preskrizzjoni ġiet ġia' miċħuda. Fir-rigward tal-eċċezzjoni l-oħra, hemm numru ta' diffikoltajiet legali. L-ewwelnett il-kawża ġiet intavolata <u>qabel</u>, u għalhekk tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar <u>qabel</u>, l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment il-leġittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffettwawx wirt li infetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116 (2) tal-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-artikolu 58 li appuntu emenda l-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima (issa msejħa parti riservata) kellhom japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ. Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija kif kienet dakinhar u allura qabel saru l-emendi.

Apparti n-nuqqas ta' qbil dwar l-assi ereditarji, f'din il-kawża l-konvenuti qed jeċċepixxu illi huma ġew eżentati mill-obbligu tal-kollazzjoni u allura ma għandhomx jiġu konsidrati d-donazzjonijiet li setgħu saru mill-mejtin lilhom; illi l-avvjament tan-negozju kien inbiegħ lill David D'Amico u kwindi ma ġiex donat; illi l-legati m'għandhomx jitqiesu meta tiġi komputata l-leġittima; illi David D'Amico għamel ħafna spejjeż fuq il-proprjeta' li ġiet imħollija lilu; li trid titnaqqas is-somma ta' Lm4,000 dovuta lil martu Sylvana D'Amico għal serviġi resi.

Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. (**"Cutajar vs Cutajar" –** Prim' Awla 3 ta' Ottubru 2003). In vista ta' dan l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikun jista' jiġi aċċertat jekk id-*decujus* bid-dispożizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju. (**"Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer**" –Prim' Awla, 22 ta' Mejju 1950).

Skond l-artikolu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied mal-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, <u>id-donazzjonijiet</u> li jkunu saru mit-testatur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-

valur tal-proprjeta’ fil-mument tal-mewt. Dan hu kkonfermat mhux biss mill-artikolu 648 illi jgħid kif ġia’ ingħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-Prof. Caruana Galizia fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-*test* Ingliż illi:

*“Such addition is necessary because the portion of the deceased’s property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The ‘legitima portio’ is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however msy necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due .... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rigħts.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased’ s estate are added not only those made purely ‘ animo donandi’ but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ...”*

Għalhekk kwantu għat-talba attriċi *ai termini* tal-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejtin kellhom sebat itfal, il-leġittima kellha tkun nofs l-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f’dan in-nofs. Għalhekk l-atturi jmisshom wieħed minn erbatax kull wieħed mis-sehem tal-ġenituri tagħhom. Għandu jingħad li l-leġittima, skond il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta in-natura, *in piena proprieta’ senza alcun peso od altra condizione.* (**Vol. XXXVIII – P II p 116**). Din kienet toħloq problema f’dawn it-tip ta’ kawżi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq, għaliex filwaqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittieħdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi

kalkolata l-leġittima (Ara “**Vella vs Bezzina et” –** Appell tal-20 ta’ Novembru 1998). L-istess sentenza **“Wismayer vs Wismayer”** fuq ċitata qalet, sakemm id-*decujus* ma jeċċedix il-kwota disponibbli dak il-legat jibqa’ jseħħ.

Huwa ċar li f’din il-kawża l-konvenuti ġew imħollija legati tal-proprjetajiet li kif jidher aktar ’il quddiem huma l-akbar parti tal-assi; għalhekk biex wieħed jikkomputa l-leġittima wieħed bil-fors irid jieħu in konsiderazzjoni l-valur tal-beni imħollija b’legat. Infatti l-valur tagħhom b’kollox iwassal għal kważi żewġ terzi tal-valur totali tal-assi tal-mejta. Isegwi allura li l-valur tal-fondi li ġew imħollija b’legat iridu jiġu magħduda biex jiġi stabbilit il-valur tal-assi ereditarji. Fir-rigward tal-kollazzjoni ma hemmx provi dwar donazzjonijiet u għalhekk il-kwistjoni ma hix rilevanti. Dwar il-valur tal-miljoramenti li saru fil-fond mill-konvenut David D’Amico u dwar is-serviġi resi minn martu l-Qorti tikkummenta aktar ’il quddiem.

**KONSISTENZA TAL-ASSI**

Għandu jingħad mill-ewwel illi l-proprjeta’ kollha li dwarha nġabu provi huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ġia’ eżistenti bejn il-mejtin. Għalhekk ma hemmx lok li jsir qasmiet biex jiġu determinati l-ishma rispettivi tad-*decuji*.

Kif ġia’ ingħad hemm nuqqas ta’ qbil sostanzjali fir-rigward tal-konsistenza tal-assi. Dan l-aktar fejn jidħol flus kontanti u deheb. L-atturi jgħidu li l-mejjet Ugo D’Amico kien iżomm id-dar xkora mimlija flus, x’aktarx ta’ ċirka Lm60,000 u hemm riferenza għall-fatt li l-mejta Gemma D’Amico kellha deheb li jiswa ċirka Lm6,000. Il-konvenuti jiċħdu dan u fir-rigward tad-deheb jgħidu li l-valur hu dak indikat fid-denunzja.

Fir-rigward tal-flus kontanti huwa ċar li l-Qorti ma tistax taċċetta daqshekk leġġerment dak li qed jgħidu l-atturi mingħajr xi forma ta’ sostenn ta’ prova. Il-mejjet kien jiġġestixxi negozju li bih għajjex familja ta’ sebat itfal. Għalhekk għalkemm huma għexu tajjeb il-Qorti ma tarax li seta’ kien hemm dawk il-flus kollha d-dar. Huwa ċar li minn jallega jrid jipprova u l-Qorti ma tarax li l-atturi reqsu

mqar viċin ta’ din il-prova. Flus depożitati l-bank kien hemm ċirka elf, ħames mija u ħamsin lira Maltin (Lm1,550) (li kienu depożitati f’kont sterlina) a bażi tad-denunzja li saret meta mietet omm il-partijiet (Dok a fol. 180). Meta miet il-missier kienet saret denunzja *causa mortis* u għalhekk ma saritx denunzja tal-proprjeta’ mobbli.

Fl-istess denunzja ġew dikjarati tlieta u sebgħin Lira Maltin (Lm73) deheb u mija u għaxar Liri Maltin (Lm110) mobbli, u għalhekk billi dan kien sehem l-omm l-ammont totali huwa d-doppju ta’ dan, u ċioe’ mija u sitta u erbgħin Lira Maltin (Lm146) u mitejn u għoxrin Lira Maltin (Lm220). Għalhekk il-Qorti għandha prova ta’ assi mobbli ammontanti għal elf, disa’ mija u sittax-il Lira Maltin (Lm1,916) ossija erbat elef, erba’ mija u tlieta u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€4,463.08).

Fir-rigward tal-immobbli hemm żewġ proprjetajiet u ċioe’ l-fond 85, Parades Street, San Pawl il-Baħar stmat sitta u sebgħin elf, u mitt Ewro (€76,100) u l-fond “Casa D’Amico”, Triq San Ġuzepp, il-Ħamrun stmat mitejn u għaxart elef Ewro (€210,000) mill-espert tekniku. Hemm ukoll qabar li dwaru hemm nuqqas ta’ qbil dwar valur; il-Qorti tħoss li minn dak illi rriżultalha l-prezz ekwu għall-fini ta’ stima huwa ta’ sebat elef Ewro (€7,000). Fuq dawn il-valuri l-Qorti se tadotta l-istima tal-espert tekniku għaliex billi huwa ċar li l-Qorti se tordna ħlas ta’ somma likwida kif intqal fis-sentenza **“Emilia Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi et”** (deciza fl-14 ta’ Diċembru 1973 mill-Qorti tal-Appell li għamlet riferenza għas-sentenza **“Concetta Vella vs Giuseppe Bugeja”** (Appell Ċivili – 10 ta’ Diċembru 1973) jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u *trattandosi* ta’ beni in-natura (mhux flus) ikkonvertiet ruħha, il-każijiet fejn dan hu konstentit mill-liġi fi dritt ta’ kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett *‘un bene reale’* u l-*‘aestimatio rei’* għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, u ċioe’ ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta’ xi sopravenuta żvalutazzjoni monetarja. Dan huwa bħala eċċezzjoni għar-regola li għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju tal-mejjet bilfors wieħed irid jirriporta ruħu

għall-valuri fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni (**“Vella vs Bugeja supra”**).

Jibqa’ allura d-diretti dominji li kellhom il-mejta u għalkemm l-atturi elenkawhom f’nota, il-konvenuti qalu li wħud minnhom kien inbiegħu. Madankollu ebda wieħed mill-partijiet ma ressaq aktar provi fir-rigward u għalhekk il-Qorti se tillikwida dawn iċ-ċnus għas-somma ta’ elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bbażat fuq dawk iċ-ċnus li l-partijiet qablu fuqhom.

Għalhekk b’kollox l-attiv tal-proprjeta’ *in toto* tal-mejta jammonta għas-somma ta’ mitejn u disgħa u disgħin elf, u tlieta u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€299,063.08).

**DEJN TAL-ASSI**

Hija ukoll problematika l-kwistjoni ta’ dak li għandu jitnaqqas minn dan l-ammont, u dawn jirrigwardjaw l-ispejjeż li saru mill-konvenut David D’Amico u s-serviġi resi minn martu.

Fir-rigward tal-miljoramenti, peress li David D’Amico kien jgħix f’parti mid-dar residenzjali tal-ġenituri tiegħu, f’xi żmien viċin l-1982 għamel spejjeż ammontanti (skond il-kontijiet li ippreżenta) għas-somma ta’ kwazi disat elef Liri Maltin (Lm9,000) li minnhom l-espert tekniku approva s-somma ta’ ħamest elef u erbgħa u ħamsin Liri Maltin u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm5,054,93). L-espert qal ukoll pero’ illi x-xogħol kieku jsir illum jiżdied b’wieħed u sebgħin fil-mija (71%) u wasal għas-somma ta’ ħamest elef, tmien mija u tlieta u sittin Liri Maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm5,863,72); kif sewwa rrimarkaw il-konvenuti fin-nota tagħhom ħa żball matematiku għaliex l-ammont għandu jiġi jaqra tmient elef, sitt mija u tnejn u sebgħin Lira Maltin u sitta u sittin ċenteżmu (Lm8,672,66). L-istess konvenut għamel ukoll spejjeż oħra wara li bdiet il-kawża (ukoll approvati mill-perit tekniku) ammontanti għal tlettax-il elf, tmien mija u erbgħa u tletin Liri Maltin u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm13,834.71). Għalkemm huwa minnu li kif qalu l-atturi, il-konvenut kien jaf li kienet saret il-kawża, ladarba l-istima qed issir skond il-prezzijiet odjerni tal-proprjeta’, u l-istima saret wara li saru dawn ix-

xogħlijiet, huwa raġunat illi din is-somma, ladarba approvata kif imsemmi ukoll tiġi mnaqqsa mill-valur tal-assi. Skond l-espert, m'hemmx lok ta' żidiet f'dan l-aħħar ammont għaliex minn dak iż-żmien il-valur tax-xogħol pjuttost naqas. Għalhekk l-ammont li għandu jitnaqqas għal miljoramenti huwa ta' tnejn u għoxrin elf, ħames mija u sitt Liri Maltin u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm 22,506.37).

Rigward is-servigi resi minn Sylvana D'Amico, il-Qorti tal-Appell f'sentenza riċenti (**"Salvatore Cutajar vs Maria Dolores Cutajar"** deciza fis-26 ta' Gunju 2009) qalet illi f'kawżi simili, (il-Qorti) għandha dejjem il-poter li tara jekk dan il-legat huwiex sproporzjonat għas-serviġi prestati mill-legatarju, u dan sabiex jiġi żgurat li d-*decujus* m'eċċediex il-kwota disponibbli tal-beni tiegħu u b'mod li seta' allura illeda l-leġittima dovuta lill-werrieta. F'dan il-każ, il-persuna illi allegatament irrendiet is-serviġi ma ġietx kumpensata mit-testatur iżda mill-werrieta. Il-Qorti tħoss li għalkemm ma hemm ebda dubju li l-imsemmija Sylvana D'Amico rrendiet serviġi lid-*decuji* speċjalment lill-missier il-partijiet, l-iskop ċar tal-konvenuti u werrieta kien li jnaqqru mill-leġittima spettanti lill-atturi. Il-Qorti tħoss li meta t-testaturi ħallew il-legat tad-dar residenzjali tagħhom (ċioe' l-iktar proprjeta' li tiswa flus) lill-konvenut David D'Amico kienu qed jagħmlu dan biex jikkumpensaw anke lil martu ta' dawn is-serviġi. Għalhekk il-Qorti tħoss li dik l-iskrittura illi fiha l-konvenuti ddikjaraw li għandhom jagħtu erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) lil Sylvana D'Amico hija *res inter alios acta* għall-atturi u għalhekk ma hijiex se tiġi mnaqqsa bħala dejn tal-assi ereditarji. Kien ikun differenti kieku s-serviġi ssemmew fit-testment.

Għandhom jitnaqqsu naturalment l-ispejjeż tal-funerali – mija u wieħed u sittin Liri Maltin (Lm161) tal-omm u seba' mija u disgħa u disgħin Liri Maltin (Lm799) tal-missier – b'kollox disa' mija u sittin Liri Maltin (Lm960). Għalhekk id-djun totali tal-assi ereditarji huma tlieta u għoxrin elf, erba' mija u sitta u sittin Liri Maltin u sebgħa u tletin ċenteżmu (Lm23,466.37) ammontanti għal erbgħa u ħamsin elf, sitt mija u wieħed u sittin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€54,661.94).

Meta dawn jitnaqqsu mill-ammont fuq imsemmi ta’ mitejn u disgħa u disgħin elf, u tlieta u sittin Ewro u tmien ċenteżmi (€299,063.08) ir-riżultat ikun mitejn u erbgħa u erbgħin elf, erba’ mija u wieħed Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€244,401.14). Għalhekk l-atturi jmisshom bħala leġittima $^{1}/_{14}$ ta’ dan l-ammont kull wieħed u ċioe’ sbatax-il elf, erba’ mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€17,457.22). M’hemmx lok għal interessi għaliex is-somma qed tiġi likwidata f’dawn il-proċeduri.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ħlief għal dak li ntqal, tilqa’ t-talbiet attriċi; għall-fini tal-ħames talba tillikwida l-ammont dovut lil kull wiehed mill-atturi għas-somma ta’ sbatax-il elf, erba’ mija u sebgħa u ħamsin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€17,457.22). Spejjeż tnejn minn sebgħa għall-atturi bejniethom u l-kumplament jitħallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------